**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni 143/01**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Dennis Theuma)**

**vs**

**Lawrence Gauci ta' 57 sena, iben**
**Joseph u Margaret nee Formosa,**
**mwieled ir-Rabat, fl-24 ta' Jannar,**
**1944, residenti Ta' Pietra, Triq ta' Mellu,**
**Mosta, u bin-numru tal-identita' 102144(M).**

**Illum 7 ta' Novembru, 2001.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Lawrence Gauci li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fl-24 ta' Settembru, 1999 u fi zmien ta' qabel b'diversi azzjonijiet maghmula minnu anki jekk zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda , bhala detentur tal-fond jew bhala persuna li f'idu kellu l-istess fond sitwat fi Triq iz-Zafran kantuniera ma' Triq Mdina, b'mezzi qarrieqa ikkommetta serq ta' ilma minn meter tal-ilma li jinsab fl-imsemmi fond ghad-dannu tac-chairman tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-persuna u bil-valur li ma jeccedix Lm1000 u dan kollu bi ksur tal-artikoli 261, 263 (a), 264 (1&2), 267, 268 u 270 rispettivament tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess zmien kisser jew sadd kanni jew katusi ta' akkwedott pubbliku, jew b'xi mod iehor zamm jew kiser il-mixi ta' l-ilma inkella ghamel hsara xort'ohra f'xi parti ta' dan l-akkwedott u dan kollu bi ksur tal-artikolu 326(1a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tordna lill-imputat Lawrence Gauci jhallas l-ispejjez relattivi ghal perizja peritali rigwardanti l-imsemmi kaz.

Semghet l-ammissjoni tieghu tigi registrata fis-seduta tal-llum 7 ta' Novembru, 2001.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li hu ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

In vista ta' l-ammissjoni qed issibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, u dan wara li rat l-artikoli 261, 263(a), 264 (1) (2), 267 u 270 u 326 u 17 tal-Kap 9. Rat il-fedina penali tieghu, rat l-art 9 tal-Kap 152 u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mill-llum.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.